MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 25/2001/1

**Dr George Cassar.**

**vs.**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi permezz ta' applikazzjoni numru PA 1150/97, Dr. George Cassar applika lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar *"to carry out environmental improvements* fil-Vivaldi Hotel, Triq Dragunara, San Giljan.

2. Illi l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp cahdet din l-Applikazzjoni *stante* illi fost ohrajn, *this could cause a considerable loss of amenity to the residents and*

*activties of the area* kif ukoll *the potential risk* of *accident due to its proximity to the road is unacceptale.*

3. Illi l-applikant Dr. George Cassar interpona appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u talab li l-permess mitlub minnu ghandu jinhareg.

4. Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, fir-risposta taghha quddiem il-Bord ta' l-Appell, talbet li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghandha tigi konfermata, u li l-appell ghandu jigi michud.

5. Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Settembru 2000 il-Bord ta' l-Appell talab lill-applikant appellant biex jissottometti *certifikat minn Mechanical Engineer illi l-izvillup propost huwa wiehed safe u li ma jkunx ta' l-ebda periklu jekk jigi permess.*

6. Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Ottubru 2000, l-applikant appellant ipprezent certifikat mahrug mill-Inginier Raymond Spiteri datat 23 ta' Ottubru 2000.

7. Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fis-7 ta' Settembru 2001, (PAB 328/99KA - PA 1150/97) l-istess Bord iddecieda billi: *"qed jilqa l-appell, jhassar ir-rifjut tal-permess u jordna lill-appellant sabiex jaghmel x-xogholijiet kollha msemmija fir-rapport tat-23 ta' Ottubru 2000 tal-Engineer Raymond Spiteri. Wara li jsiru dawn ix-xogholijiet fi zmien sitt xhur mill-lum, dawn ghandhom jigu certifikati mill-istess engineer Raymond Spiteri. Kopja tal-contingency plans ghandha wkoll tifforma parti mill-kundizzjonijiet ta' dan il-permess. Wara li jsir dan kollu, ghandu jinhareg il-permess relattiv suggett ghall-kundizzjoni kollha mposti fir-rapport tal-Engineer Raymond Spiteri. Il-Bord se japprova l-pjanti relattivi wara li jkun ircieva c-certifikati tal-Engineer hawn fuq imsemmi. Ghal dawn il-motivi, l-Bord ihassar r-rifjut tal-permess u jordna li jinhareg il-permess relattiv suggett ghal dak li ntqal f'din id-decizjoni. Il-pjanti approvati huma dawk li se jigu riveduti mill-appellant u approvati mill-Bord. Ghandhom jigu mposti bhala kundizzjonijiet tal-permess*

*dawn imsemmija fir-rapport tal-Engineer Raymond Spiteri u dawk solitament imposti f'dawn it-tipi ta' zvilupp".*

Illi l-esponenti thoss ruhha aggravata minn din d-decizjoni u ghaldaqstant qeghda tinterponi dan l-Appell quddiem dinl-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi fil-kors tal-proceduri quddiemu, l-Bord ta' l-Appell talab u ottjena dokumentazzjoni minghand l-applikant appellant, liema dokumentazzjoni ma kienetx sottomessa ghall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, u in sostenn ta' tali dokumetazzjoni gdida, li fosthom ser ikun hemm anke pjanti godda, il-Bord laqa' l-appell, hassar ir-rifjut tal-permess u ordna li jinhareg il-permess relattiv.

2. Illi jigu ukoll relevat illi din id-dokumentazzjoni gdida, giet mitluba mill-Bord ta' l-Appelli, wara li l-proceduri kollha quddiem l-istess Bord kienu nghalqu, kull ma kien ghad fadal kien li jsir *site inspection*.

3. Illi bir-rispett kollu, fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, il-Bord ta' l-Appell m'ghandux is-setgha li jiddeciedi li permess ghandu jinhareg a bazi ta' dokumentazzjoni u pjanti godda sottomessi quddiemu, jew abbazi ta' pjanti godda li ghadhom lanqas biss gew sottomessi quddiemu, izda li l-istess Bord qieghed jitlob, fid-decizjoni tieghu, li jigu sottomessi quddiemu taht l-**Att 1 ta' l-1992**, il-Bord ta' l-Appelli huwa Bord revizorju ta' decizjonijiet moghtija mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Minkejja li taht l-istess Att, il-Bord ghandu s-setgha li jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq, il-Bord ma jistax u m'ghandux jiddeciedu hu, minflok lAwtorita` ta' l-Ippjanar, fuq fatti, dokumentazzjoni u pjanti godda. Tali funzjoni tispetta lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, li tramite il-varji organi taghha, tivvaluta il--proposti sottomessi quddiemha fit-totalita` taghhom.

4. Illi jigi wkoll sottomess, illi r-rikors quddiem il-Bord ta' l-Appelli huwa wiehed definittiv, u ghaldaqstant, meta

l-istess Bord ikun qieghed jivvaluta fatti godda u jiddeciedi fuqhom, huwa jkun qieghed jaghmel dan b' mod definittiv, u li jinibixxi lill-parti aggravata, f'dan il-kaz l-appellanta Awtorita` ta' l-Ippjanar, milli tezercita d-dritt taghha, li titlob li d-decizjoni tigi riveduta quddiem l-istess Bord.

5. Illi kif gie deciz minn dinl-Onorabbli Qorti fid-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet "**Joe Cortis vs. Awtorita` ta' l-Ippjanar et**" fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 1996 (Appell nru. 376/93):

*"Meta l-perit ... gie ordnat biex jirrevedi mill-gdid il-pjanti minn kif gew sottomessi, dan kien jimplika li qeghda ssir applikazzjoni differenti minn kif gie sottomess ghall-kunsiderazzjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Id-direttivi kontemplati taht it-Tielet Skeda ta' l-Att 1/92 jistabbilixxu x' inhuma l-procedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Zgur m'humiex intizi biex jaghtu xi carte blanche lill-istess Bord biex jiddeciedi hu stess anke fuq materji godda".*

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li dinl-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka id-decizjom moghtija mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fis-sebgha (7) ta' Settembru 2001 fl-ismijiet premessi, u tikkonferma r-rifjut moghti mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 6 sa 15 tal-process;

Rat ir-risposta ta' Dr George Cassar a fol 17 tal-process fejn sostna:

1. Illi l-appell tar-rikorrenti huwa inammissibbli a tenur tal-**artikolu 15 (2) tal-Development Planning Act 1992,** in kwantu ma kien hemm l-ebda punt ta' ligi deciz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, li fuqu jista' jsir appell lil din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fil-fatt, id-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell hija totalment ibbazata fuq apprezzament tal-fatti;

3. Illi fil-fatt, imkien fir-rikors tal-appell ma hemm xi riferenza ghal punt ta' ligi deciz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni li minnha sar appell, hija gusta fil-fatt u fid-dritt, u timmerita tigi konfermata.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 25 ta' April 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Dr George Cassar kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tad-29 ta' April 2002, tal-10 ta' Gunju 2002 fejn Dr Claire Stafrace Zammit in vista ta' sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell talbet li tirregola ruhha, tal-24 ta' Gunju 2002 fejn Dr Stafrace Zammit irregolat ruhha dwar il-punt tal-pjanti godda u tal-11 ta' Novembru 2002 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. Dr Demarco talab li jaghmel nota ta' riferenzi, il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 40 jum kull wiehed lill-partijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Mejju 2003.

Rat li l-ebda wahda mill-partijiet ma ghamlet u/jew prezentat tali nota ta' riferenzi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-fattispecie li taw lok ghall-appell in kwistjoni jirrigwardaw applikazzjoni li kienet saret mill-appellat sabiex jaghmel *"enviromental improvements"* ghall-Vivaldi Hotel, Triq id-Dragonara, San Giljan, u dan senjatament kienu jikkonsistu skond ittra tal-Perit Carm Lino Spiteri datata 9 ta' Settembru 1999 *"with the location of an*

*underground gas storage tank in the vicinity of Vivaldi Hotel. The contents of the tank will be for the exclusive use of Hotel Vivaldi”.*

Illi din l-applikazzjoni kienet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ghas-segwenti ragunijiet:-

*“1, The proposed underground gas storage in this location would represent a precedent which if emulated could result in an undesirable burden on the infrastructure and urban development of the area. This would cause a considerable loss of amenity to the residents and activities in the area”.*

*“2. The potential risk of accident due to its proximity to the road is unacceptable”.*

Illi mill-konsultazzjonijiet li saru mill-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar mal-entitajiet fuq riferti il-maggoranza taghhom imponew diversi kondizzjonijiet sabiex fl-opinjoni taghhom irendu l-istess propost bla perikolu u wkoll sabiex l-istess uzu tat-tank inkluz il-mili tieghu ma jostakolax it-traffiku fl-istess triq li hija wiesgha biss hames (5) metri, liema rizultat ta’ dan jinsabu esposti f’pagna 5 u 6 tad-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hawn appellata, u l-kummenti tat-Direttorat tal-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kien li l-istess zvilupp kellu jigi michud ghar-ragunijiet hemm indikati f’pagna 6 u 7 tal-istess decizjoni li kienu jirreferu kemm ghall-uzu ta’ spazju pubbliku, ghall-installar ta’ tank li jista’ jkun perikoluz ghall-utenti tal-istess triq u residenti u fondi kummercjali u wkoll ghaliex l-uzu tal-istess jista’ jkompli jzid il-kongestjoni tat-traffiku fl-istess inhawi u apparti li dan wkoll johloq precedent.

Illi l-appellat odjern appella quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar *stante* li sostna li l-istess Awtorita` ma tistax tirrifjuta applikazzjoni sempliciment ghaliex din tista’ tikkostitwixxi precedent la darba l-ligijiet u r-regolamenti kollha gew osservati, u dan iktar u iktar meta l-Enemalta, l-Pulizija ta’ Malta, id-Dipartiment tas-Sahha w il-Ministeru tal-Ambjent gew kollha konsultati u ma sabux oggezzjoni. Apparti dan l-istess appellat kien issottometta li kien ser

ikun hemm *upgrade* tas-sit fejn kien ser jigi lokat l-istess tank u dan huwa sitwat f'distanza li ma tohloqx perikolu ghall-proprjetajiet ezistenti.

Illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jidher li fis-seduta tal-14 ta' April 2000 halla l-appell ghal decizjoni b'dan li fil-frattemp jircievi s-sottomissjonijiet tad-difensur tal-appellat f'dak l-appell; fil-21 ta' Marzu 2001 inhareg avviz li kellha ssir *site inspection* fis-6 ta' April 2001; saret *site inspection* fis-6 ta' April 2001 u fil-25 ta' Mejju 2001; permezz ta' verbal datat 20 ta' Settembru 2000 il-Bord sostna li kien jehtieg certfikat minn *Mechanical Enginieer* illi l-izvilupp propost hu *safe,* liema rapport gie prezentat fit-23 ta' Ottubru 2000 mill-Inginier Raymond Spiteri; illi b'ittra datata 22 ta' Jannar 2001 il-Bord staqsa jekk ix-xogholijiet kollha msemmija mill-Inginier Spiteri fl-istess certifikat li gie sottomess lill-Awtorita` fit-23 ta' Ottubru 2000 kienux lesti kollha.

Illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li huwa propens li jilqa' l-appell *"basta jigu osservati l-kunidizzjonijiet kontenuti f'rapport datat 23 ta' Ottubru 2000 taht il-firma tal-Enginier Raymond Spiteri sabiex jigu sorvolati l-problemi ta' safety li jistghu jinqalghu. Il-bord hu tal-fehma li kull darba li jkunu se jintlew l-LPG tanks ghandu jigi informat id-Dipartiment ghall-Protezzjoni Civili".*

Illi konsegwentement l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar immotiva` s-sentenza tieghu b'dan il-mod:-

*"qed jilqa' l-appell, jhassar ir-rifjut tal-permess u jordna lill-appellant sabiex jaghmel x-xogholijiet kollha msemmija fir-rapport tat-23 ta' Ottubru 2000 tal-Engineer Raymond Spiteri. Wara li jsiru dawn ix-xogholijiet fi zmien sitt xhur mill-lum, dawn ghandhom jigu certifikati mill-istess engineer Raymond Spiteri. Kopja tal-contingency plans ghandha wkoll tifforma parti mill-kundizzjonijiet ta' dan il-permess. Wara li jsir dan kollu, ghandu jinhareg il-permess relattiv suggett ghall-kundizzjoni kollha mposti fir-rapport tal-Engineer Raymond Spiteri. Il-Bord se japprova l-pjanti relattivi wara li jkun ircieva c-certifikati tal-Engineer hawn*

*fuq imsemmi. Ghal dawn il-motivi, l-Bord ihassar r-rifjut tal-permess u jordna li jinhareg il-permess relattiv suggett ghal dak li ntqal f'din id-decizjoni. Il-pjanti approvati huma dawk li se jigu riveduti mill-appellant u approvati mill-Bord. Ghandhom jigu mposti bhala kundizzjonijiet tal-permess dawn imsemmija fir-rapport tal-Engineer Raymond Spiteri u dawk solitament imposti f'dawn it-tipi ta' zvilupp".*

Illi l-appell tal-appellanti huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li l-Bord fil-konsiderazzjonijiet tieghu kkonsidra dokumentazzjonijiet godda, li ma kienux gew prodotti quddiem il-Kummissjoni, u ghalhekk l-istess Awtorita` giet pregudikata *stante* li qatt ma setghet talbet li tali decizjoni tigi riveduta; apparti dan l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar ma setghax johrog permess huwa fuq dokumentazzjoni li giet prezentata l-ewwel quddiemu u wkoll abbazi ta' pjanti godda li kienu qatt ma gew sottomessi quddiemu u li fil-fatt ordna li jigu sottomessi quddiemu, u b'dan jidher li l-istess Bord ta' l-Appell qed jiddeciedi huwa ghall-funzjonijiet li in verita` ghandha l-Awtorita`.

Illi l-eccezzjoni tal-appellanti hija fis-sens li dan huwa appell biss fuq fatti u mhux fuq punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' L-Appell u ghalhekk tali appell huwa inammissibbli.

Illi ghalhekk din il-Qorti necessarjament trid tezamina jekk tali appell huwiex ammissibbli abbazi tal-**artikoliu 15 (1) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi f'dan l-aspett jibda biex jinghad illi s-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att I ta' l-1992** u cioe' l-**Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** jghid testwalment illi:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta gja tat diversi sentenzi li jikkoncernaw proprju dan il-punt ta’ x’jikkostitwixxi “*punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu”* fosthom **“Santino Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003); **“Marie Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I. C. (RCP) 24 ta’ Frar 2003); **“Frans Cuschieri vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003); **“George Mifsud vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 17 ta’ Frar 2003); **“Mario Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Frar 2003); u **“Alexander Busuttil vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 28 ta’ Ottubru 2002) u taghmel referenza ghal istess sentenzi.

Illi kif inghad fis-sentenza **“Salvu Sciberras vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003 hija sejra zzid tghid ukoll u taghmel taghha l-insenjament li kienet ghamlet din l-istess Qorti, diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **“Joe Cortis vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et”** deciza fis-27 ta' Frar, 1996 (App. Nru. 376/93) fejn intqal illi:-

*“9. Dwar id-distinzjoni bejn x'jikkostitwixxi punt ta' ligi u punt ta' fatt inkiteb hafna u kien hemm ukoll diversi decizjonijiet dwarha. Gieli d-distinzjoni tkun cara u gieli ma tkunx. F'nota dwar ligi u fatt u x'jista jammonta ghal zball f'wiehed jew fl-iehor, l-awturi* ***Beatson u Matthews*** *(ara* ***Administrative Law, <u>Cases and Materials,</u>*** *- Oxford, 2nd Ed. 1989, p 113) jistqarru li:-*

*"The important distinction between errors of law and of fact can be very fine and, as has been seen, the cases do not adopt a consistent position on the correct method of making it".*

Illi ferm interessanti *‘a proposito’* hija wahda mir-rakkomandazzjonijiet li saret fir**-"Report of the Committee on Administrative Tribunals and Enquiries"** tal-1957, maghruf ahjar bhala **"The Franks**

**Report**" fir-Renju Unit (Cmnd. 218(1957) fejn intqal *inter alia* hekk:-

*“We are firmly of the opinion that all decisions of tribunals should be subject to review by the courts on point of law. This review could be obtained either by proceedings for certiorari or by appeal. If, as we recommend, tribunals are compelled to give full reasons for their decisions any error of law in such a decision would subject the decision to quashing by order of certiorari in England, and it is now clear that the fact that the decision of the tribunal may be expressed in the statute as 'final' does not oust jurisdiction ... Moreover, an application to quash a decision on this ground is quite different from an appeal on a point of law”.*

*“In the former case the Court can only quash the decision, while in the latter case the court may substitute, or in effect substitute, its own decision ... In the latter case the Court can in addition look at the notes of the evidence given before the tribunal if the point of law is whether there was evidence on which the tribunal could in law have arrived at its decision. An appeal on a point of law is therefore wider in scope. For all these reasons we recommend that review by the courts of decisions of tribunals should in general be provided by making the decisions subject to appeal on points of law...".*

Illi jidher car mir-rikors ta’ l-appell, li l-Awtorita` appellanti qeghda tallega li l-Bord ta’ Appell dwar l-Ippjanar agixxa *“ultra vires”* meta qed isostni li meta l-Bord iddecieda li jordna li l-istess appellat jinghata permess fuq sottomissjoni ta’ pjanti godda li kienu ghad iridu jigu sottomessi u dan wkoll fuq dokumentazzjoni gdida konsistenti fir-rapport tal-Inginier Raymond Spiteri, li gie sottomess l-ewwel darba biss quddiem l-istess Bord, huwa oltrepassa l-poteri tieghu skond l-istess Ligi u ddecieda huwa fuq kwistjonijiet ta’ *planning* meta kien sta ghall-Awtorita` li taghmel tali ezami, u dan anke ghaliex l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar huwa wkoll tribunal ta’ l-appell ghar-revizjoni tad-decizjonijiet riferiti lilu skond il-ligi. Dak li ghamel l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-

Ippjanar skond l-appellanti jfisser li l-istess Bord biddel il-funzjoni tieghu ta' Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, minn wahda revizorja ghal wahda originali, li ma kienx l-iskop tal-Ligi li tirregola l-istess.

Illi hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Cuschieri vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 89/00 - deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2001) fejn intqal illi galadarba l-allegazzjoni kienet illi l-Bord agixxa *ultra vires*, allura din il-Qorti kellha u ghandha l-obbligu li tara jekk l-appell hux ammissibbli u jekk jirrizulta hekk, allura, din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-meritu. Intqal ukoll minn l-istess Qorti ta' l-Appell, fl-imsemmija sentenza hawn appena citata illi:-

*"Din il-Qorti jidhrilha li l-kelma "appell" kif uzata fl-artikolu 15 (2) ta' l-imsemmi Att ta' l-1992 ghandha sinifikat bizzejjed wiesgha li jista' jinkludi wkoll investigazzjoni dwar aggravju ta' "ultra vires".*

*Illi l-appellant ressaq konstatazzjoni ohra cioe' li, fil-fehma tieghu, din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar l-aggravju ta' l-"ultra vires" billi l-kwistjoni ma tkunx giet trattata u deciza fid-decizjoni appellata. Dan billi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni taghha limitata esklussivament ghal appelli li jinvolvu "biss punti ta' ligi decizi mill-Bord. L-appellat accenna ghall-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti fejn dejjem gie ritenut li din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tiddeciedi appell fuq punt ta' ligi meta dan il-punt ma jkunx gie trattat u deciz fid-decizjoni appellata".*

*"Illi jinghad ukoll, a skans ta' ekwivoci, illi minn qari akkurat tad-decizjoni appellata, il-punt legali imqajjem mill-Awtorita` appellanti ma giex espressament deciz. Izda din il-Qorti jidhrilha li, la l-Bord iddecieda kif iddecieda, bilfors li huwa deherlu li kellu d-dritt li jiddeciedi kif iddecieda – u li cioe' kellu l-gurisdizzjoni necessarja biex jemana d-decizjoni li ta, bil-modalitajiet kollha fiha espressi".*

*"Konsegwentement, <u>mid-decizjoni stess</u>, jista' jigi inferit jew dedott li l-Bord iddecieda u qata' li kellu l-"vires" necessarju biex jiddeciedi kif iddecieda. Din ma tistax ma titqiesx bhala decizjoni dwar punt legali, li issa qeghdha tigi kontestata f'dan l-appell mill-appellanti".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan kollu jrid jinqara fil-kuntest tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356,** ghaliex din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell taht l-istess Att, ghandha il-gurisdizzjoni limitata ghal dak li jipprovdi l-istess Att, u s'intendi l-kompetenza taghha hija hekk ristretta skond it-termini precizi tal-ligi. Certament ghalhekk li ma huwiex fil-kompetenza tal-Qorti kif kostitwita u bhala Qorti tat-tieni jekk mhux tielet istanza li tidhol fil-kamp ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, *stante* li dan huwa regolat b'regoli u disposizzjonijiet precizi li llum gew promulgati permezz tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** w in partikolari w in konsistenza mal-mertu tal-appell odjern, dan jirreferi wkoll ghall-kuncett ta' *"meta eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni"* imsemmija fl-**artikolu 469A (1) (b) tal-Kap 12.**

Illi fil-kamp ta' l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, li jaqa' taht l-istitut ta' ligi amministrattiva, l-kompetenza originali tispetta lil Qrati Ordinarji, u l-kuncett ta' *ultra vires,* anke kif definit fl-artikolu fuq citat, huwa ferm iktar wiesgha minn applikazzjoni hazina jew *non* applikazzjoni ta' ligi, tant li jista' jikkomprendi, per ezempju, abbuz ta' setgha ta' Awtorita` pubblika, li fih innifsu ma jimportax ksur *ad hoc* jew *per se* ta' disposizzjoni ta' ligi *'ut sic'.*

Illi mela allura fil-kompetenza taghha bhala Qorti tal-Appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar hija qatt ma tista' tigi mitluba sabiex taghmel dan l-ezercizzju ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, *stante* li dan l-istharrig fil-maggoranza tal-kazi jinkludi ezami kemm tal-fatti esposti fil-kaz in partikolari, kif wkoll tal-ligi applikabbli, u dan apparti li r-rimedji ghall-istess a differenza minn dak quddiem din il-Qorti huma wkoll ben differenti kif jista' jigi indikat bhala ezempju mill-**artikolu**

**469A (5)** li jikkontempla wkoll talbiet ta' danni, apparti n-nullita' tal-istess att amministrattiv.

Illi *in vece* f'din il-*veste* din il-Qorti qed tagixxi biss bhala Qorti tat-tieni istanza w anke l-ezami taghha huwa hekk limitat fid-disposizzjoni tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356,** b'mod li hija tista' biss tezamina d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord, b'dan ghalhekk li r-rikors lejn din il-Qorti taht il-**Kap 356** u l-azzjoni quddiem il-Qrati ordinarji taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469A tal-Kap 12** huma ghal kollox differenti u distinti minn xulxin, u certament li wahda ma ghandha qatt telimina jew tissostwixxi ruhha ghal ohra, anke peress li z-zewg azzjonijiet, flimkien ma' ohrajn, huma disponibbli ghal kull persuna, kollox skond in-natura tal-lamentela jew aggravju taghha, skond ir-regoli rispettivi, inkluz procedura u principji sostantivi, u r-rimedji differenti li japplikaw ghal kull kaz in partikolari, li huwa impossibbli li jigu elenkati kollha f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk dak li huwa ta' importanza massima ghal din il-vertenza huwa li l-kuncett ta' *ultra vires* huwa wiehed ta' applikazzjoni amministrattiva, u ghandu dejjem jingieb quddiem il-Qorti kompetenti, li ma hijiex din il-Qorti, skond ir-regoli u d-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli inkluz il-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghalhekk insenjamenti tas-sentenza fuq citata ghandhom dejjem jinqraw f'dan il-kuntest.

Illi ghal dak li huwa stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv wiehed jirreferi ghas-sentenzi fl-ismijiet **"John Lowell et nomine vs Dr. Carmelo Caruana nomine"** (P.A. (J.M.C.C.) 14 ta' Awissu 1972); **"Louis F. Cassar proprio et nomine vs Il-Prim Ministru et"** (P.A. (V.B.C.) 20 ta' Lulju 1988); **"John Holland nomine vs Julian Schembri"** (A.C. (G.M.B. J.A.H. C.A.A) 20 ta' Mejju 2001); u **"Joseph Portelli vs Ministru tax-Xoghlijiet u Sport et"** (P.A. (G.M.A.) 15 ta' Marzu 1993) fost ohrajn.

Illi dan huwa konsistenti ma dak li nghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha bhala Qorti tat-Tieni Istanza

minn decizjoni tal-Qrati ordinarji fl-ismijiet **“John Cauchi vs Chairman tal-Awtorita` ta’ L-Ippjanar”** (A.C. (J.S.P.) 5 ta’ Ottubru 2001 – Avviz Nru.250/97/MM (G) fejn inghad li:-

*“Fil-fehma tal-Qorti ta' l-Appell l-artikolu 469(A) tal-Kap.12, biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma tutilizzax tali proceduri disponibbli. Fil-kawza fuq imsemmija l-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni imqajma mill-Awtorità ta' l-Ippjanar u ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstemgha skond il-ligi”.*

Illi dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm kazi fejn il-*fattispecie* tal-kaz jkunu jaghtu azzjoni lil dak li jkun kemm taht id-disposizzjojnijiet tal-**artikolu 469A tal-Kap 12,** kif ukoll rimedju ta’ appell taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Kap 356,** bhal fil-kaz meta l-*ultra vires* tkun tikkonsisti fl-allegazzjoni li punt ta’ dritt jew ligi gie applikat hazin, ghaliex Awtorita` koncernata tkun ghamlet xi haga kontra id-disposizzjonijiet tal-ligi, b’mod li agixxiet *oltre* l-poteri lilha moghtija bl-istess, u dan l-istess punt ta’ ligi ikun deciz fid-decizjoni tal-istess Awtorita`, pero` f’dan il-kaz l-ebda azzjoni ma toqtol jew tissostitwixxi lill-ohra, b’mod li jibqghu zewgt azzjonijiet distinti, trattati taht principji differenti, u f’fora distinti w indipendenti minn xulxin, bir-regoli taghhom precizi, li naturalment ma humiex l-istess.

Illi jigi nnutat mill-ewwel li fl-appell maghmul mill-appellanti ma hemm l-ebda riferenza ghal liema ligi hija qed tallega li l-istess Bord ta’ L-Appell ta’ L-Ippjanar kiser jew oltrepassa, u fit-termini tal-kompetenza ta’ din il-Qorti taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 tal-Kap 356,** din ma hijiex mankanza zghira.

Illi l-ewwel punt li ghandu jigi dibattut pero` huwa jekk tali punt ta’ ligi, ghall-mument huwa x’inhuwa, giex deciz mill-istess Bord u hawn il-Qorti tinnota mill-ewwel li fl-istess decizjoni appellata ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi msemmija.

Illi pero` dan ma jfissirx li l-ebda punt ta’ ligi ma gie deciz mill-Bord, *stante* li l-lamentela tal-appellanti titratta precizament dwar il-kompetenza tal-istess Bord ta’ l-Appell ta’ L-Ippjanar, u iktar u iktar dwar il-parti dispositiva taghha, u ghalhekk jekk kemm-il darba l-istess Bord ta’ L-Appell jkun ta ordnijiet li jkunu *oltre* l-kompetenza tieghu fil-ligi, u precizament kontra l-provedimenti tal-**Kap 356,** huwa stess ikun iddecieda hazin fuq punt ta’ ligi, u ghalhekk anke jekk tali ligi ma tissemmiex *per se* fis-sentenza, xorta jkun hemm il-bazi ta’ dan l-appell dwar *“punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu”* skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi kif qalet din il-Qorti stess fis-sentenza appena citata **“Salvu Sciberras vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003):-

*“fil-fehma tal-Qorti fil-kaz de quo wiehed ma jistax jassumi semplicement li l-Bord ma ddecidiex din il-kwistjoni ghas-semplici raguni li d-disposizzjoni tal-ligi ma tissemmiex espressament. Anzi din il-Qorti jidhrilha li huwa inkoncepibbli li tribunal responsabbli ma jzommx dejjem quddiem ghajnejh u jkun dejjem konxjament gwidat mid-dispozizzjoni tal-ligi li tikkonferixxi fuqu s-setgha gurisdizzjonali necessarja biex huwa jwettaq id-dmirijiet imposti fuqu skond il-ligi li kkrejatu”.*

*“Illi fil-fatt, din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet precedenti fejn ikkonsidrat appelli maghmula fuq bazi ta’ l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att Nru. 1 ta’ l-1992**, fejn l-aggravju kien precizament li l-Bord kien allegatament mar oltre’ l-ligi f’dik li hija kompetenza bhala ritwalment ammissibbli. Qeghdha ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **“Joe Cortis vs l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”,** deciza fis-27 ta’ Frar, 1996, kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **“Francis Pace vs***

***Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"****. Dawn il-kawzi kienu segwiti b'diversi decizjonijiet ohra ta' din il-Qorti li sostnew l-istess punt ghalkemm din il-Qorti qed tikkonferma l-istess insenjamenti dejjem fuq il-binarju li jistabbilixxi l-kompetenza u l-gurisdizzjoni limitata taghha skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi* **artikolku 15 (2)** *u mhux, anzi qatt, fuq il-kuncett ta' stharrig gudizzjarju fuq eghmil amministrattiv".*

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li mill-lat sostantiv l-aggravju ta' l-appellanti, inkwantu bbazat fuq l-allegazzjoni li l-Bord seta' agixxa barra mill-kompetenza tieghu w allura kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi, dan l-appell huwa proceduralment ritwali u ammissibbli quddiem din il-Qorti. Sintendi pero`, fi stadju ulterjuri jkun irid jigi investigat jekk dan l-aggravju huwiex ben fondat fil-meritu, u cioe' jekk id-decizjoni implicita tal-Bord, li huwa kellu l-kompetenza necessarja, kienetx decizjoni korretta jew zbaljata dejjem fl-ambitu tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi sabiex isir tali ezami wiehed necessarjament irid jezamina l-gurisdizzjoni tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar skond l-**artikolu 15 ta' l-Att I tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp.** *Di fatti* is-**sub-artikolu (1)** ta' dan l-artikolu jghid illi l-Bord ta' Appell ikollu gurisdizzjoni li:-

*(a) "jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat hlief ghal terzi persuni interessati b'decizjoni ta' l-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettieq ta' dak il-kontroll;*

*(b) jezercita dawk il-funzjonijiet moghtija lilu skond l-artikolu 27(2)(j) u ta' l-artikolu 29A(4), ta' l-artikolu 29B(4), ta' l-artikolu 29C(4) u (5) u l-artikolu 31(3);*

*(c) jisma' u jiddeciedi appelli maghmula skond l-artikolu 39A(3), l-artikolu 40(4), l-artikolu 46(9), l-artikolu 48(4), l-artikolu 55B(3), l-artikolu 58(1) u l-artikolu 61(7);*

*(d) li jisma' u jiddeciedi appelli interposti minn terzi persuni interessati minn decizjoni ta' l-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, b'dan illi:-*

*(i) dak l-appell jista' jsir biss minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32(5) meta tigi ppubblikata l-applikazzjoni ghall-eghmil ta' zvilupp,*

*(ii) ma ghandu jkun hemm ebda appell minn terza persuna interessata minn decizjonijiet dwar kontroll ta' zvilupp dwar xi zvilupp li jkun specifikament awtorizzat fi pjan ta' zvilupp,*

*(iii) kunsill lokali li fil-lokalita` tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp ghandu dejjem jitqies ghall-fini u ghall-effetti kollha tal-ligi li huwa terza persuna interessata basta li dak il-kunsill ikun ghamel sottomissjonijiet bil-miktub skond l-artikolu 32(5) u li jagixxi fl-interess tal-lokalita`,*

*(iv) terza persuna interessata ghandha tissottometti argumenti gustifikati b'ragunijiet ibbazati fuq konsiderazzjonijiet ta' ppjanar sabiex tiggustifika l-appell taghha".*

Ili jinghad ukoll illi l-**artikolu 6 tat-Tielet Skeda tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid ukoll illi *"Il-Bord ikollu s-setgha li jikkonferma, ihassar jew ibiddel decizjoni li kontra taghha jkun sar appell u jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq"*.

Illi ta' rilevenza ghal dan il-kaz huma wkoll id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (12) u (13) tal-Kap 356** li jistupalaw li:

*"12. Il-Bord ta' l-Appell, jekk jiddeciedi li jaghti permess ghal zvilupp, jista' jimponi penali, hlas ta' drittijiet u kontribuzzjonijiet u kondizzjonijiet ohra, li l-Awtorita` tista' timponi fil-hrug ta' permess ghal zvilupp; u l-Bord ghandu jizgura d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 33 (1) u (2) meta jirrevedi decizjoni ta' l-Awtorita`".*

*"13. Meta l-Bord ta' l-Appell ibiddel decizjoni ta' l-Awtorita` u jordna l-hrug ta' permess ghal zvilupp, l-Awtorita`*

*ghandha, sakemm ma jkunx hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) mid-decizjoni tal-Bord, tohrog il-permess fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni tal-Bord, jew, f'kaz li fid-decizjoni tkun giet imposta kondizzjoni jew penali, fi zmien xahar mid-data li fiha l-appellant ikun ikkonforma ma dik il-kondizzjoni jew hallas il-penali inflitta mill-Bord fid-decizjoni tieghu".*

Illi fis-sentenza **"Joe Cortis vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar et"** (A.C. (JSP) 27 ta' Frar 1996) dan il-kliem fl-artikolu hawn appena citat gie interpretat bhala li *"m'ghandux ifisser li l-Bord ta' Appell ghandu jiddeciedi hu, minflok l-Awtorita` ta l-Ippjanar, fuq pjanti u fuq fatti li ghad iridu jintaghmlu u jigu sottomessi mill-applikant. Tali funzjoni fl-ewwel lok tispetta lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar skond ma johrog <u>inter alia</u> mill-artikolu 30(2) u 32(1) tal-Att I/l992. Diversament ikun ifisser li l-Bord ta' Appell ma jkunx qed iservi ta' tribunal ta' revizjoni imma wiehed li qieghed jipprocessa fatti u pjanti godda, ghax sottomessi f'forma diversa u differenti, u fl-istess waqt jiddeciedi dwarhom b'mod finali. Il-Bord ta' Appell, fi kliem iehor, ghandu tassew is-setgha li jaghti direttivi li jkunu xierqa pero` m'ghandux is-setgha li jezawtorixxi lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar mill-funzjoni ewlenija taghha u dan billi jissostitwiha b'direttivi li jorbtuha <u>a priori</u> u b'mod irrevokabbli".*

Illi fl-istess sentenza tas-27 ta' Frar 1996, fil-kawza medessima **"Joe Cortis vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. 27 ta' Frar 1996) kompla jinghad li:-

*"Issa "di diritto" ghandu jinghad li l-Att Numru I ta' l-1992 fl-artikolu 6 tat-Tielet Skeda formanti parti mill-istess ligi jaghti espressament lill-Bord ta' l-Appell is-setgha li "jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq" pero` dan ma jfissirx u m'ghandux ifisser li l-Bord ta' l-Appell ghandu jiddeciedi hu, minflok l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u fuq fatti li ghad iridu jintaghmlu u jigu sottomessi mill-applikant. Tali funzjoni fl-ewwel lok tispetta lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar skond ma johrog <u>inter alia</u> mill-artikolu 30 u 32(1) ta' l-Att Numru I ta' l-1992. Diversament ikun ifisser li l-Bord ta' l-Appell ma jkunx qed iservi ta' tribunal ta' revizjoni imma*

*wiehed li qieghed jipprocessa fatti u pjanti godda, ghax sottomessi f'forma diversa u differenti, u fl-istess waqt jiddeciedi dwarhom b'mod finali".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta inkontradett, tant li dan jirrizulta mis-sentenza appellata tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar stess, li l-appell tal-istess Bord gie deciz favorevolment ghall-appellat fuq ir-rapport tal-Inginier Raymond Spiteri datat 23 ta' Ottubru 2000 li gie sottomess proprju l-ewwel darba quddiem l-istess Bord fis-26 ta' Ottubru 2000, liema rapport jinkludi diversi rakkomandazzjonijiet dwar kif ghandu jigi installat l-istess tank u l-prekawzjonijiet li kellhom jittiehdu sabiex l-istess zvilupp ikun *safe* ghar-residenti w utenti tal-istess inhawi, kollha inseriti taht it-titoli ta' *Installation Requirements* u *Comments.*

Illi abbazi ta' dan fil-fatt l-istess Bord ordna li jsiru ix-xogholijiet kollha imsemmija fl-istess rapport, u wara li jsiru tali xogholijiet dawn jigu certifikati mill-istess Inginier Raymond Spiteri, u wara li jsir dan kollu ghandu jinhareg il-permess relattiv suggett ghall-kondizzjonijiet kollha mposti fl-istess rapport, u l-Bord japprova l-pjanti relattivi wara li jkun ircieva c-certifikat tal-Enginier b'dan li d-decizjoni ordnat li jinhareg permess relattiv suggett ghal dak li ntqal fl-istess decizjoni u l-pjanti approvati ghandhom jkun dawk *"li ser jigu riveduti mill-appellant u approvati mill-Bord. Ghandhom jigu mposti bhala kondizzjonijiet tal-permess dawk imsemmija fir-rapport tal-Enginier Raymond Spiteri ……..".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar laqa' l-istess appell fuq dokumentazzjoni w allura kondizzjonijiet li qatt qabel ma kienu gew trattati quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, li kienu jikkonsitu f'kondizzjonijiet ghal kollox godda minn dawk sottomessi u kkunsidrati mill-istess Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, tant li mkien l-istess rapport tal-Inginier Raymond Spiteri ma gie trattat lanqas mir-rapport tad-Direttorat tal-istess Awtorita` li l-konkluzjonijiet tieghu jaghmlu parti mill-premessi tad-decizjoni tal-istess Bord. Dan huwa bizzejjed sabiex

jinghad li l-istess Bord tal-Appell mar *ultra vires,* peress li la darba tratta kondizzjonijiet godda ghall-istess zvilupp, necessarjament biddel il-kompetenza tieghu minn dik ta' tribunal revizzjonali ghal wahda ta' tribunal orginali, b'dan li fuq l-istess fatti minnu biss ikkunsidrati huwa nnega d-dritt ta' appell lill-parti aggravata.

Illi mhux hekk biss izda jidher li l-istess Bord approva tibdil fil-pjanti originarjament sottomessi, liema pjanti godda lanqas biss kienu ghadhom sottomessi quddiem l-istess Bord, *stante* li kellhom jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-istess rapport tal-Inginier Raymond Spiteri, u allura huwa zgur li tali pjanti qatt ma gew sottomessi lill-istess Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, *stante* li saz-zmien tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dawn kienu ghadhom lanqas biss lesti, u *di piu`* bbazati fuq rapport li qatt ma gie trattat u lanqas biss kkonsidrat mill-istess Kummissjoni.

Illi fl-ahharnett jidher car li hija wkoll stramba hafna d-decizjoni tal-istess Bord ta' l-Appell li hija sostniet li l-istess Bord kellu jkun huwa li japprova tali pjanti godda <u>wara li jsiru x-xoghlijiet kollha msemmija fir-rapport tal-istess inginier, u dan fi zmien sitt xhur mid-data tad-decizjoni, liema xogholijiet jigu certifikati mill-istess inginier</u>, b'dan li jidher li l-istess Bord awtorizza li jsiru xogholijiet qabel ma jkun hemm approvazzjoni u permess tal-pjanti li kien ghad iridu jigu sottomessi, b'dan allura li l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar awtorizza w addirittura ordna li jsiru xogholijiet qabel ma jinhareg u jigi approvat il-permess relattiv, u dan biss abbazi tad-decizjoni minnu moghtija.

Illi certament li dan kollu jmur oltre l-komptenza tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, kemm in sostanza u kemm b'mod ta' applikazzjoni tal-istess decizjoni, u dak kollu li nghad u gie deciz mill-istess Bord jmur *ultra vires* il-poteri tieghu tant li jidher li l-istess Bord mar *ben oltre* l-kompetenza tieghu u mhux biss dawwar ghalih il-funzjoni orginali tal-Awtorita` li hija tohorg il-permess, izda addirittura usurpa l-funzjoni taghha billi mpona kondizzjonijiet godda prezentati l-ewwel darba biss

quddiemu, bla ebda riferiment ghall-organi l-ohra kompetenti tal-istess Awtorita`, w apparti dan kollu awtorizza li jsiru xogholijiet u allura zvilupp qabel il-hrug u l-approvazzjoni ta' permess mill-Awtorita`, haga li huwa stess flimkien ma organi ohra tal-istess Awtorita` suppost qeghdin hemm biex jevitaw li jsiru minn terzi persuni.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li l-appell tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghandu jigi milqugh u d-decizjoni tal-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar ghandha tigi revokata.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-appellat Dr. George Cassar fir-risposta tieghu tal-appell datata 22 ta' Novembru 2001, **tilqa' l-appell interpost mill-appellant l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fir-rikors tal-appell taghha datat 24 ta' Settembru 2001,** u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Dr. George Cassar vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Izvilupp"** tas-7 ta' Settembru 2001 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-appellat Dr. George Cassar.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------